MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 434/2010

**Auto Sales Ltd (C491)**

**vs**

**George Baldacchino ID Card No. 478365(M)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta' Auto Sales Limited datat 29 ta' April 2010 a fol 1 tal-process fejn jikkonferma: -

Illi b' kuntratt datat 21 ta' Dicembru 2005 (Dok "A") il-konvenut xtraw permezz ta' kuntratt ta' *hire purchase* l-vetturi Mercedes Benz E Class.

Illi skont l-istess kuntratt l-konvenut kellu jhallas l-ammont hemm miftihem f'rati mensili.

Illi l-konvenut ghalkemm debitament interpellat naqas milli jhallas l-ammont dovut ghal mill-inqas l-ahhar tlettax-il xahar.

Illi skont l-istess kuntratt jekk il-konvenut jonqos milli jhallas ghal xahrejn s-socjeta` attrici ghandha dritt li titlob l-ammonti kollu dovut f'dak iz-zmien.

Illi ghalhekk illum il-gurnata l-ammont dovut mill-konvenut huwa hdax-il elf u hames mija u sittin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€11,560.72).

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut.

Illi fil-fhema tal-esponent il-konvenut ma ghandux difiza ghal din l-azzjoni.

Illi l-esponent huwa awtorizzat mis-socjeta` li jirrapprezenta biex jaghmel din id-dikjarazzjoni u jaf dawn il-fatti personalment minn ezami tad-dokumenti.

Ghaldaqstant titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tisma' din il-kawza skont it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. Tiddikjara li l-konvenut hu debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' €11,560.72 rapprezentant bilanc dovut skont ftehim Dok "A".

3. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' €11,560.72 rapprezentant bilanc dovut skont ftehim Dok "A".

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 4259/09 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament finali. Il-konvenut huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti l-ohra kollha.

Rat li l-intimat gie debitament notifikat fiz-zmien preskritt mil-ligi baqa' kontumaci u msejjah tliet darbiet lanqas ma deher.

Rat li Dr. Philip Manduca kkonferma bil-gurament tieghu fis-seduta odjerna li ma thallas xejn fil-mori tal-kawza.

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fir-rikors jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispsensa tas-smigh tal-kawza, skont il-procedura tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proceduri Civili.

Tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat u bl-imghax mitlub.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------